MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 655/2003

**Ronald u Denise konjugi Muscat**

**Vs**

**Mario Xuereb**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta’ April 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1500.00), ghar-ragunijiet imsemmija fl-Avviz imsemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes;

Ra r-risposta tal-konvenut tal-25 ta’ Novembru 2003 fejn gie ecceppit illi l-azzjoni attrici hija preskritta, illi l-azzjoni attrici hija insostenibbli ghaliex hija bbazata fuq kawza illecita u li, minghajr pregudizzju, t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt oltre` illi t-talba hija wahda eccessiva;

Ra n-nota tal-konvenut tas-27 ta' Jannar 2004 li permezz taghha indika l-Artikolu 2153 tal-KAP 16 bhala l-bazi ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tieghu;

Ra r-rikors tal-konvenut Mario Xuereb tal-5 ta' Frar 2004 fejn talab illi jigi awtorizzat sabiex jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri oltre` illi talab il-kjamat in kawza ta' Albert Fenech u Leslie Muscat, u l-eventwali digriet ghal dan ir-rikors moghti fit-2 ta' Marzu 2004 fejn giet milqugha t-talba sabiex jipprezenta risposta ulterjuri izda michuda dik ghall-kjamat in kawza taz-zewg individwi msemmija, wara illi anke dahlet ir-risposta ta' l-atturi ghall-istess rikors;

Ra r-risposta ulterjuri tal-konvenut tat-22 ta' Marzu 2004 fejn gie ulterjorment ecceppit mill-konvenut illi huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u dan peress illi ma ghandu ebda interess giuridiku fl-azzjoni attrici oltre` illi ma ghandu ebda relazzjoni giuridika mal-atturi;

Ra x-xhieda kollha moghtija u d-dokumenti kollha esebiti u li jinsabu fl-atti ta' din il-kawza;

Ra d-dikjarazzjoni tal-partijiet kif verbalizzata fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2004 – ossia illi dghajsa mertu ta' dawn il-proceduri kienet meta giet ikkonfiskata mid-Dipartiment tad-Dwana registrata f'isem l-attur;

Ra illi wara illi l-partijiet ittrattaw il-kawza fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2005, il-kawza thalliet ghad-decizjoni u regghet thalliet ghad-decizjoni ghall-llum fil-11 ta' Jannar 2006 wara illi t-Tribunal bidel il-komposizzjoni tieghu;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

It-Tribunal ikkunsidra :

Illi qabel xejn dan it-Tribunal irid jissindika jekk l-azzjoni attrici hix illecita kif ecceppit fir-risposta tal-konvenut. It-Tribunal ihoss illi ghandu jibda b'din l-eccezzjoni peress illi

fin-natura taghha, jekk akkolta`, allura twaqqaf hawn kull konsiderazzjoni ohra illi altrimenti it-Tribunal jista` jiehu konjizzjoni taghha.
Il-kawza hija illecita meta hija projbita mill-ligi jew kuntrarja ghal-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku. Ftehim ikun kontra l-ordni pubbliku meta huwa kontra l-interess generali. **(18/05/1993 Prim Awla tal-Qorti Civili – AIC Raymond Cuschieri)**

Il-konvenut ighid illi jiftakar "illi Leslie kien infurmani xi ftit zmien wara illi huwa kien ftiehem ma' huh Ronald, illi jhallsu depositu ta' tlett mitt Lira (Lm300) akkont tal-prezz tad-dghajsa u d-differenza ta' elfejn u sebgha mitt Liri Maltin (Lm2700) kellha tithallas mill-flus li ahna konna ser naghmlu minn kull kunsinnja ta' sigarretti li konna ser indahhlu" (fol 62).

B'dan biss, it-Tribunal ihossu sodisfatt illi allura il-bazi ta' l-azzjoni attrici hija insostenibbli stante kawza illecita u dan in kwantu illi kien hemm ftehim illi l-atturi jithallsu mill-kunsinnji ta' sigaretti ta' kuntrabandu. Allura ukoll isegwi illi l-attur kien jaf ben tajjeb illi d-dghasja tieghu kienet qeghda tigi kkonsenjata lill-konvenut u huh ghall-skopijiet illeciti, u ftit jista' jitlob valur ghad-dghajsa konfiskata meta fil-pussess tal-konvenut.

L-attur u x-xhieda minnu prodotti ppruvaw jimminaw din il-verzjoni, pero` partikolarment minhabba nuqqas ta' kredibilita` ta' l-istess xhieda naxxenti minn versjonijiet inversomili u kontradizzjonijiet bejn l-istess xhiedha taghha, it-Tribunal ftit jista` jistrieh fuq verzjoni diversa minn dik moghtija mill-konvenut.

Illi fil-paragrafu hamsa ta' l-affidavit ta' l-attur, huwa jirreferi ghall-ispeed boat mertu tal-kawza bhala "l-ispeed boat tieghi" u ghalkemm ighid illi "naf b'certezza illi din l-ispeedboat mhix ser tigi rilaxxjata" ghax huh u l-konvenut ammettew l-akkuzi ta' kuntrabandu maghmul proprju bl-istess dghajsa, b'dana kollu jghid ukoll illi tant ma kellu x'jaqsam xejn mal-kuntrabandu, illi "jiena qatt ma gejt avvicinat minn xi membru tal-Korp tal-Pulizija dwar din il-kwistjoni".

Illi Leslie Muscat, prodott mill-attur ighid illi “it-transfer ma sarx minn isem l-attur ghal fuq ismi u ghal fuq isem il-konvenut u dan peress illi ahna ma konniex ghadna hallasnieh”. Illi allura la kienet ghada fuq isem l-attur, it-Tribunal jifhem illi l-attur kellu kull interess illi jara ghal xiex il-boat tieghu qed tintuza F’dan il-kuntest tinkwadra aktar verosimili l-verzjoni tal-konvenut meta ighid “Ronald Muscat kien issugerixxa illi peress illi huwa ma kienx ser idawwar il-licenzja tad-dghajsa fuq huh qabel ma jithallas il-prezz kollu, f’kaz illi ahna kellna nigu maqbuda mill-Pulziija, dana, b’referenza ghalija u ghal Leslie, kellna nghidu illi d-dghajsa konna sraqniha mill-bahar fejn kienet suppost marbuta”.

Illi filwaqt illi fl-affidavit tieghu (tas-17 ta’ Frar 2004) l-attur ighid illi minn ghand huh Leslie Muscat kien beda jircievi “xi hlasijiet”, hames gimghat biss wara, (30 ta’ Marzu 2004) l-istess Leslie Muscat xehed illi kien hallas s-sehem tieghu lil huh, l-attur, wara illi d-dghajsa giet kkonfiskata u hallashom b’rati mensili. It-Tribunal ftit jifhem kif dan jista` jkun minnu!!

Illi anke jekk wiehed jara x-xhieda ta’ Albert Fenech, ukoll persuna involuta fl-attivita` li kienet qed isehh bejn il-kontendenti, it-Tribunal ma jsib ebda konfort biex jasal ghal konkluzjoni illi l-attur ma kienx involut fl-attivita` ta’ natura illecita illi kienet ghaddejja bil-boat tieghu. Albert Fenech f’waqt minnhom ighid illi “Ronald Muscat qatt ma kien involut f’din il-kwisjtoni tal-kuntrabandu”, pero` sekondi wara ghadda biex qal illi ma jafx jekk qatx giet diskussa il-kwistjoni tal-kuntrabandu fil-presenza ma’ Ronald Muscat u sussegwentament ighid illi “jiena nahseb illi kien hemm madwar ghaxra minn nies involuti f’din il-bicca xoghol” (fol 79 –80).

Illi dan kollu jwassal lit-Tribunal ghall-konvinciment morali tieghu illi l-attur kien ben jaf bl-attivita` li kellu jsir mid-dghajsa tieghu u jinsab sodifatt ukoll illi in effetti l-attur kien ftiehem illi kellu jithallas mir-rikavat tal-bejgh tas-sigaretti bil-kuntrabandu. Kien ghalhekk illi ghadda l-pussess tad-dghajsa – ha riskju, izda fallielu.

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, it-Tribunal ma jistghax ma jiddikjarax illi l-bazi ta' l-azzjoni attrici hija ghalhekk illecita u hija sostenibbli l-eccezzjoni moghtija mill-konvenut s'issa trattata. It-Tribunal ihoss illi jekk ikompli jissindika il-mertu illi ghandu quddiemu ikun qieghed jghaddi biex jaghti sahha lil minn seta' involva ruhu direttament jew indirettament f'negozju illecitu, lil min ghamel ftehim illecitu u lil min, minn fuq, issa ghadd sabiex ittanta juza l-fora giudizzjarja biex dak li ma wasalx ghalih b'mezzi illeciti, jipprova jasal ghalih b'decizjoni tat-Tribunal. Aktar u aktar meta jirrizulta illi d-dghajsa baqghat proprjeta' ta' l-istess attur u meta ma ngiebet ebda prova sostanzjali illi turi b'certezza illi d-dghajsa qatt mhu ser jehodha lura.

Ghaldaqstant, b'ekwita` u wara illi qies il-provi u c-cirkostanzi kollha rilevanti f'dan il-kaz, it-Tribunal jghaddi sabiex filwaqt illi jilqa` l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar l-illecita` tal-kawza ghar-ragunijiet hawn fuq moghitja, jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza stante illi tali konsiderazzjonijiet ohra ikunu fic-cirkostanzi superfluwi.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------